MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 160/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Sammut**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Sammut talli nhar-it 8 ta' Jannar 2011 ghall-habta ta' 02:30 hrs fi Triq Manwel Dimech, Sliema:

1. bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor;
2. ghamel lil Joanne Musact u lil Robert Brincat ingurji jew theddid, jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
3. hebb ghal Joanne Muscat sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara;

4. imbotta lil Joanne Muscat sabiex iweggaghha jew jinsultaha;
5. f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx kapaci jiehu hsieb tieghu nnifsu jew f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kien jidher bic-car li kien fis-sakra;
6. offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Marzu 2011 li permezz taghha dik il-Qorti ddikjarat il-procediment ezawrit ghal dak li jirrigwarda t-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu minhabba rinunzja, izda sabitu hati ta' l-ewwel, il-hames u s-sitt imputazzjonijiet u, wara li rat l-artikoli 209 u 338(m)(ff) tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu globalment ghall-hlas ta' *ammenda* ta' mija u hamsa u sebghin euro (€175);

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fid-29 ta' Marzu 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonferma s-sejbien ta' htija fl-ewwel, il-hames u s-sitt imputazzjonijiet filwaqt li thassarha u tirrevokaha fil-bqija u dan billi wara li tqis bir-reqqa l-provi f'dan il-kaz issib lill-appellat hati tat-tieni, it-tielet, u r-raba' imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu, u tinfliggi l-piena adegwata skond il-ligi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-Avukat Generali jirrigwarda t-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet peress illi jsostni li l-ewwel Qorti ma setghetx tiddikjara l-procediment ezawrit minhabba rinunzja tal-parti leza in vista ta' dak li tipprovdi l-ligi. Huwa jirreferi ghall-artikolu 373 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u b'mod partikolari ghall-*proviso* ta' l-istess. Dan l-artikolu jaqra hekk:

**“373. Fir-reati msemmijin fl-artikolu 370(1), l-ezercizzju ta’ l-azzjoni kriminali jmiss lill-offiz jew ghalih lill-persuni msemmijin fl-artikolu 542, meta l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa hlief bi kwerela ta’ l-offiz:**

**Izda, meta r-reat li ghalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa hlief bi kwerela ta’ l-offiz, ikun sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma’ reat iehor li jmiss l-ordni pubbliku, jew meta, bla ma jkun hemm ebda wahda minn dawn ic-cirkostanzi, l-offiz ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali u ma jkunx irrinunzja espressament ghaliha fi zmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat, il-Pulizija Esekuttiva tista’ tmexxi l-azzjoni *ex officio* dwar dak ir-reat.”**

**6.** Fil-kaz in ezami, l-ezercizzju ta’ l-azzjoni kriminali fir-rigward tat-tieni, it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet imiss lill-persuni offizi, izda peress illi r-reati hemm kontemplati saru flimkien ma’ reati ohra (l-ewwel, il-hames u anke s-sitt imputazzjonijjiet) li jmissu l-ordni pubbliku, il-Pulizija Ezekuttiva setghet tmexxi l-azzjoni *ex officio*. Mela, meta fis-seduta tad-9 ta’ Marzu 2011 quddiem l-ewwel Qorti, Joanne Muscat u Robert Brincat irrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali u hafru lill-appellat, l-ewwel Qorti ma setghetx tiddikjara l-procediment ezawrit izda kellha tisma’ l-provi u semmai tiehu in konsiderazzjoni dik il-mahfra meta tigi biex tiddetermina l-piena dwar l-imsemmijin tieni, tielet u raba’ imputazzjonijiet.

**7.** Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu ddikjarat il-procediment ezawrit stante rinunzja fir-rigward tat-tieni, it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet u, filwaqt li tikkonfermaha fil-bqija, sabiex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellat, mill-beneficcju tad-doppju ezami, tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti tisma’ l-provi fir-rigward tat-tieni, it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet u tiddeciedi dwar dawk l-imputazzjonijiet skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------